**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 463/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Denis Cremona**
**(ID 0365475(M))**

**Illum, 28 ta' Novembru, 2016**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Denis Cremona ta' 36 sena, iben Paul u Carmen nee` Azzopardi imwieled il-Pieta` fit-23 ta' Lulju 1975 u residenti gewwa No. 31, Flat 2, Triq San Tumas, Furjana, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0365475(M);

Akkuzat talli nhar il-5 ta' Mejju 2012, gewwa dawn il-Gzejjer:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li

jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera LL.D. nhar it-2 ta' April 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2015, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mismugha f'din il-kawza sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Fil-5 ta' Mejju 2012, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga dahlu fir-residenza tal-imputat odjern ossia fil-fond 31, Flat 2, Triq San Tumas, Furjana u hemmhekk sabu lilu u lil certu Jason Bugeja. Fuq il-persuna ta' Bugeja, instab qartas bi trab abjad (skond PS 1086 Johann Micallef) jew pakkett b'sustanza bajda (skond WPC 127 Carmen Gauci). Waqt tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat, instabu diversi oggetti relatati mad-droga ossia mizien elettroniku digitali, *soda bicarbonate*, pipa, boroz tal-plastik, mus, kuccarina, kaxxa blu b'xi xfafar gewwa fiha, zewgt iskieken, wahda mahruqa u ohra minghajr manku.[1]

[1] Ara x-xhieda ta' PS 1086 Johann Micallef (a fol. 7 sa 10 tal-process) u x-xhieda ta' WPC 127 Carmen Gauci (a fol. 11 sa 12 tal-process).

Mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirrizulta illi huwa nghata s-segwenti dokumenti ghall-analizi tieghu: 1) *evidence bag* bin-numru A02902549, immarkat NS1, li fih zewg skieken; 2) *evidence bag* bin-numru B000955998, immarkat NS2, li fih i) flixkun zghir tal-plastik bil-kliem *Dr. Pepper* forma ta' pipa; ii) kontenitur tal-plastik ta' lewn iswed bil-kliem *Bicarbonate of Soda* li fih trab ta' lewn abjad; iii) mizien; iv) *foil*; v) borza tal-plastik trasparenti, kuccarina u mus zghir; 3) *evidence bag* bin-numru A02902548 li fih: i) diversi bicciet tal-plastik trasparenti u ii) flixkun zghir forma ta' pipa; 4) borza tal-plastik trasparenti li fiha karta bil-kliem Data: 5/5/12 Hin: 11am Elevat/i minn *bedside table drawer* fil-presenza ta' Denis Cremona minn PS 1086 u kaxxa ta' lewn blu li fiha diversi bicciet tal-plastik trasparenti u xi *blades*.

Mill-istess relazzjoni, jirrizulta wkoll illi ma nstabet l-ebda droga fuq is-skieken (fil-paragrafu 1 *supra*), fuq il-mus u l-kuccarina (fil-paragrafu 2(v) *supra*) u lanqas fit-trab ta' lewn abjad fil-kontenitur bil-kliem *Bicarbonate of Soda* (paragrafu 2(ii) *supra*).  Fuq *swabs* mehuda mill-fliexken forma ta' pipa (fil-paragrafi 2(i) u 3(ii) *supra*) u minn fuq il-mizien (paragrafu 2(iii) *supra*) instabet is-sustanza kokaina.[2]

L-imputat gie arrestat u rrilaxxja stqarrija nhar is-6 ta' Mejju 2012 wara li nghata s-solita twissija ossia li ma kienx obbligat li jirrispondi ghad-domandi li kienu ser isirulu[3] u li t-twegibiet tieghu jistghu jingiebu bhala prova, u wara li nghata wkoll id-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa ghazel li ma jezercitahx.[4]

Fl-istqarrija tieghu, meta mistoqsi dwar l-uzu tal-oggetti li nstabu fir-residenza tieghu fil-jum ta' qabel, ossia fosthom pipa, diversi boroz tal-plastik, mizien u bikarbonat, l-imputat jghid illi l-pipi jintuzaw sabiex fuqhom jaharqu l-imbarazz, il-mizien kien juzah ghall-affarijiet li jixtri u l-boroz huma l-affarijiet li huwa kien jixtri minghand in-nies.  Mistoqsi jekk l-oggetti indikati lilu kinux tieghu, huwa jghid illi l-mizien, il-flixkun iz-zghir u l-bikarbonat huma tieghu.  Jghid illi huwa jghix wahdu fl-appartament.  Jghid illi Jason Bugeja mar ghandu sabiex ipejjpu l-*crack* flimkien.  Jichad li Bugeja mar hemmhekk biex huwa jaqdih bid-droga u jichad ukoll illi huwa jbiegh id-droga.  Jghid illi kien ilu ghaxar snin bil-vizzju tad-droga u li jiehu kokaina u eroina.  Meta gie ssuggerit lilu illi huwa sajjar il-kokaina lil Bugeja, li dawwarha fi *crack* u wara pejjpuha flimkien, huwa wiegeb illi "*pejjipniha flimkien u gabha lesta*".

---

[2] Ara r-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, a fol. 41 *et seq* tal-process.
[3] Ara din l-istqarrija esebita a fol. 16 tal-process.
[4] Ara d-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghall-parir legali (a fol. 17 tal-process).

Da parti tieghu, fix-xhieda tieghu tas-26 ta' Novembru 2013, Jason Bugeja jghid illi l-incident in kwistjoni sehh sentejn qabel u li dakinhar huwa kien ghand l-imputat gewwa appartament fil-Furjana. Jghid illi huwa (ossia x-xhud) kellu l-kokaina u mar hdejn l-imputat "*biex jghidli kif naghmilha ghax ma nafx*"[5] … "*biex isajjarhieli*"[6]. Jghid illi d-droga tibqa' kokaina, imma tigi mpejjpa. Jghid illi dahlu l-pulizija u huwa ammetta li d-droga kienet tieghu. Mistoqsi jekk l-imputat kienx lahaq sajjarlu l-kokaina, ix-xhud jghid illi ma jafx, li nesa ghax ghaddew sentejn u li kien jaf kien li l-pulizija marru fuqu u hadulu kollox, li huwa kien qalilhom li d-droga kienet tieghu. Jghid illi huwa kien gie mistoqsi ghaliex mar ghand l-imputat u li huwa kien qal il-verita`, izda kien nesa jekk l-imputat kienx lahaq sajjarha. Mistoqsi x'kien qed jaghmel l-imputat dak il-hin, huwa jghid illi l-imputat fetahlu u dahlu zewg persuni ohra, li fethu l-bieb u bdew ifittxulu u huwa qalilhom li d-droga kienet tieghu. Mistoqsi jekk l-imputat kellux affarijiet biex isajjarlu d-droga, jghid illi ma jafx u li huwa kien ta d-droga lill-pulizija mill-ewwel minn gol-but. Ma jafx x'kien instab gewwa l-appartament ghaliex huwa nizel maghhom fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Jghid illi kien jaf li l-imputat kien jaf isajjar id-droga ghaliex huwa hu l-gharusa tieghu u li mar ghandu ghaliex kellu l-kunfidenza mieghu. In kontro-ezami, ix-xhud jghid illi d-droga kienet tieghu, li l-pulizija haduha minn fuqu u li anzi kien tahielhom huwa stess, fil-waqt li qalilhom li kienet tieghu.

Fix-xhieda tieghu, l-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Nikolai Sant jghid illi stante illi meta huwa kellem lil Jason Bugeja, dan qallu illi kien mar ghand l-imputat sabiex issajjarlu l-kokaina u jaghmilhielu fi *crack*, huwa dehrlu li kellu jixli lill-imputat odjern bir-reat ta' traffikar tad-droga kokaina u dan stante illi fil-ligi, il-manifattura tad-droga tammonta ghal traffikar.[7]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi minn dak suespost jirrizulta s-segwenti:

1. Fil-jum in kwistjoni, Jason Bugeja mar gewwa r-residenza tal-imputat odjern.

2. Fil-pussess tieghu Bugeja kellu l-kokaina. Huwa mar ghand l-imputat sabiex dan isajjarlu l-kokaina fi *crack cocaine*, ghaliex huwa ma kienx jaf kif jaghmel dan.

---

[5] A fol. 24 tal-process.
[6] A fol. 25 tal-process.
[7] Ara x-xhieda tal-Ispettur Nikolai Sant, a fol. 13 *et seq* tal-process.

3. Bugeja jghid illi ma jiftakarx jekk l-imputat lahaqx sajjar il-kokaina qabel gew il-pulizija.

4. Jason Bugeja instab fil-pussess ta' qartas bi trab abjad (skond PS 1086) jew pakkett b'sustanza bajda (skond WPC 127).

5. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi Bugeja kien mar ghandu sabiex ipejjpu l-*crack* flimkien. Jghid ukoll illi pejjpu flimkien u li Bugeja kien ha l-*crack* lesta meta gie ssuggerit lilu illi huwa kien sajjar il-kokaina fi *crack* ghal Bugeja u li kienu pejjpuha flimkien.

Dwar il-provi mressqa, il-Qorti tirrileva illi ghalkemm fil-verbal tas-seduta tal-24 ta' Settembru 2013, mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, hemm indikat illi l-Ufficjal Prosekutur esebixxa sustanza bhala Dok. NS1, fost affarijiet ohrajn, meta l-oggetti esebiti gew murija lil PS 1086 Johann Micallef, dan tal-ahhar jaghraf Dokument NS1 bhala sikkina mahruqa u sikkina ohra minghajr manku u fl-ebda mument meta muri l-oggetti elevati, ma jindika li kien qieghed jaghraf xi sustanza. Jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut illi d-dokument li huwa kien moghti ghall-analizi u li kien immarkat bhala Dok. NS1, kien jikkontjeni proprju zewgt iskieken, kif jghid PS 1086 fix-xhieda tieghu. Fil-fatt mill-istess relazzjoni, ma jirrizultax illi x-Xjenzat Godwin Sammut gie moghti xi sustanza ghall-analizi tieghu, ghajr ghat-trab abjad fil-kontenitur tal-plastik bil-kliem *Bicarbonate of Soda*. Dan ifisser illi s-sustanza elevata mill-pussess ta' Bugeja ma gietx esebita u analizzata f'dawn il-proceduri. Ifisser ukoll illi minn dak li nstab fil-pussess tal-istess Bugeja u minn dak li kkonstataw il-pulizija waqt it-tfittxija, il-Qorti m'ghandhiex hjiel dwar jekk is-sustanza misjuba fil-pussess tieghu kinitx trab kontenenti l-kokaina jew kokaina *crack* ossia l-kokaina diga` msajjra. Biss m'hemmx dubju minn dak li jghidu kemm l-imputat, kif ukoll Bugeja illi Bugeja kien ha l-kokaina mieghu ghand l-imputat. In oltre la darba Bugeja jghid b'mod car illi huwa kien ha l-kokaina biex isajjarhielu l-imputat ghaliex huwa ma kienx jaf isajjarha, ma jaghmilx sens dak li jghid l-imputat fl-istqarrija tieghu illi Bugeja kien ha l-*crack* lesta ghand l-istess imputat. Dwar dan il-Qorti tinnota illi ghalkemm dak li stqarr Bugeja mal-Ufficjal Prosekutur – fis-sens illi huwa kien mar ghand l-imputat biex issajjarlu l-kokaina fi *crack* - ma jaghmilx prova fil-konfront tal-imputat odjern, biss dan jista' jitqies ghall-fini ta' kontroll tax-xhieda ta' Bugeja, li baqa' konsistenti fil-verzjoni tieghu. Ukoll minn dak li jghid l-imputat, fis-sens illi kienu pejjpu l-kokaina flimkien – u dan b'referenza ghall-*crack* lesta li suppost kien ha mieghu Bugeja – ifisser ukoll illi attwalment l-imputat kien sajjar il-kokaina ghal Bugeja, ghaliex kif inghad, il-

Qorti temmen il-verzjoni ta' Bugeja li huwa kien ha l-kokaina biex tigi msajjra fi *crack* mill-imputat. Hawnhekk il-Qorti tirrileva wkoll illi hija l-*crack cocaine* li titpejjep u mhux il-kokaina f'forma ta' trab, li generalment sabiex tigi kkunsmata, tigi migbuda fl-imniffsejn jew f'kazijiet, anke injettata. Il-kwistjoni kollha hija ghalhekk jekk dan l-att da parti tal-imputat jammontax ghal traffikar ta' droga skond il-ligi.

Jirrizulta car illi Bugeja ha d-droga mieghu ghand l-imputat u m'hemm l-ebda allegazzjoni da parti ta' Bugeja li kien l-imputat li pprokuralu din id-droga. Dan lanqas ma jirrizulta mill-bqija tal-provi mressqa. Anzi fil-pussess tal-imputat ma nstabet l-ebda droga.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Borg** deciza minn din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Magistrat (illum Imhallef) Dr. Noel Cuschieri fil-11 ta' Settembru 2000. F'dak il-kaz, l-imputat u zewg zghazagh ohrajn iddecidew li jixtru u jikkunsmaw l-eroina u l-kokaina. Sussegwentement, dawn iltaqghu u wiehed minnhom, li ma kienx l-imputat, hareg id-droga, fil-waqt illi l-imputat beda jsajjar il-kokaina go bott. Imbaghad, kull wiehed minnhom mela s-siringa tieghu u hadu d-droga. Wara, l-imputat sajjar l-eroina u t-tlieta li huma regghu hadu minnha. Fis-sentenza taghha, il-Qorti ddecidiet illi fil-waqt illi r-reat ta' pussess illegali tad-droga eroina u kokaina da parti tal-imputat kien jirrizulta (din kienet wahda mill-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat f'dak il-kaz), ir-reat ta' traffikar ma kienx jikkonfigura. Il-Qorti qalet hekk:

"*Illi l-Qorti ma taqbilx mat-tesi tal-prosekuzzjoni li la darba l-imputat sajjar id-droga u l-ohrajn hadu minnha allura ghandu jirrispondi ghar-reat ta' Traffikar ta' dik id-droga. Il-kuntest tac-cirkostanzi juri mod iehor.*

1. *Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva* ***li d-droga ma gietx prokurata mill-imputat*** *imma minn wiehed miz-zghazagh l-ohra.*

2. *Fit-tieni lok id-decizjoni li dawn jabbuzaw mid-droga kienet wahda* ***kollettiva*** *u l-konsum minn dawn it-tlieta sar fl-istess hin. Il-fatt li kien l-imputat li sajjar id-droga, fil-presenza tal-ohrajn, jidher li kien* ***purament incidentali*** *u ma jikkontjenix l-estremi tar-reat ta' Traffikar ….*

*Ghaldaqstant l-akkuza ta' Traffikar ma treggix*" [enfasi ta' dik il-Qorti].

Fil-fehma tal-Qorti, ic-cirkostanzi tal-kaz odjern kienu tista' tghid identici ghall-kaz appena citat u ghalhekk bil-fatt biss li l-imputat sajjar id-droga kokaina ghal Bugeja u anke ghalih – ghax huwa stess jghid illi l-kokaina pejjpuha flimkien u li Bugeja kien mar ghandu sabiex ipejjpu l-*crack* flimkien – meta l-istess droga ma gietx prokurata minnu, izda minn Bugeja, ma jammontax ghal traffikar ta' droga.

In oltre l-oggetti misjuba fil-pussess tal-imputat fil-jum in kwistjoni, fil-waqt illi jindikaw uzu tad-droga kokaina da parti tal-istess imputat, ma jwasslux necessarjament ghall-konkluzjoni illi l-imputat spacca d-droga kokaina lil terzi persuni fil-jum li ghalih tirreferi l-ewwel imputazzjoni. Anzi ma tirrizulta l-ebda prova f'dan is-sens.

Jibqa' biss illi l-Qorti tikkunsidra dak li jghid l-Ufficjal Prosekutur fix-xhieda tieghu, u dan fis-sens illi l-fatt illi l-imputat sajjar id-droga kokaina biex bidilha fi *crack cocaine* jammontax ghall-manifattura tad-droga u ghaldaqstant ghal traffikar.

Ai termini tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-finijiet tal-Ordinanza, il-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza ghal traffikar f'medicina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, u l-ghoti ta' informazzjoni biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur tal-Ordinanza.

L-Ordinanza ma tipprovdix definizzjoni tal-kelma 'manifattura', kif lanqas ma tipprovdi definizzjoni tal-kelma 'produzzjoni' u ghalhekk ghandu japplika s-sinjifikat normali li jista' jinghata lil dawn il-kliem. Dan apparti illi huwa principju stabbilit illi fil-kamp penali, l-interpretazzjoni ghandha dejjem tkun wahda restrittiva. Fl-*Oxford Dictionary*, in-nom '*manufacturing*' huwa mfisser bhala "*the activity of making things by industrial processes*", fil-waqt illi l-kelma '*production'* tfisser "*the action of manufacturing, growing, extracting, etc things, esp in large quantities*".[8] F'dan il-kaz, l-imputat biddel id-droga kokaina (li normalment tkun f'forma ta' trab) fi *crack*. Fil-fehma tal-Qorti, dan il-fatt ma jammontax la ghal manifattura u lanqas ghal produzzjoni tad-droga kokaina. L-imputat ikkonverta l-forma tas-sustanza kokaina, b'tali mod li fil-waqt li s-sustanza baqghet kokaina, giet mibdula l-forma taghha sabiex b'hekk setghet tigi kkunsmata b'mod differenti. Il-ligi ma tirregolax b'mod divers il-kokaina fil-forma normali

---

[8] *Oxford Advanced Learner's Dictionary of Current English, Fifth Edition, Oxford University Press* [1995].

taghha mill-*crack cocaine* u fil-fatt is-sustanza kkontrollata bil-ligi fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda hija s-sustanza kokaina. Fil-fehma tal-Qorti, ma jistax jinghad illi l-imputat immanifattura jew ipproduca xi medicina billi immanifattura jew ipproduca l-kokaina, ghaliex l-ingredjent attiv tar-rizultat finali baqghet dejjem il-kokaina ossia l-istess medicina jew ingredjent attiv li kellu fil-bidu qabel ma din issajjret, izda din giet biss ikkonvertitha f'forma diversa.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-elementi tar-reat ta' traffikar ta' droga kokaina ma jirrizultawx f'dan il-kaz u ghaldaqstant, m'hijiex issib htija fl-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

Fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva, imbaghad, la darba mhijiex tinstab reita` fl-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, isegwi li lanqas ma jista' jinstab hati talli huwa recidiv.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom.

Tordna d-distruzzjoni tal-oggetti relatati mad-droga, Dokumenti NS1 sa NS 4, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredici process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din'il-kawza mhux izjed tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat